**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1154/2021 (AD)**

**ANTHONY ABELA (KI 154644M)**

**vs**

**JOSEPH ABELA (KI 831748M)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, ħamsa u għoxrin (25) t'April 2025**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba għal dikjarazzjooni illi l-benefiċċji kollha derivanti minn polza assigurattiva li kien iżomm id-defunt Alessio Gatt jappartjenu lir-rikorrent u lill-konvenut fi kwoti ndaqs bejniethom, u ordni lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju jħallas sehem l-attur mill-istess polza.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru 2021, **<u>Anthony Abela</u>**, bil-ġurament tiegħu ppremetta:

   a. *Illi l-attur u l-konvenut f'din il-kawza huma ahwa. Iz-ziju taghhom Alessio Gatt kien miet nhar it-12 t'April 2020, u dan skond ma jidher mic-certifikat tal-mewt tieghu li huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A'.*

   b. *Illi skond ma jidher mir-ricerki testamentarji tal-istess Alessio Gatt, kopja ta' liema huma hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'B', jirrizulta illi l-ahhar testment tieghu huwa t-testment T/23980/2018 u cioe' it-testment in atti tan-Nutar Dottor Roland Wadge datat 11 t'Ottubru 2018, kopja ta' liema huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'C'. Illi skond ma jidher mill-istess ricerki testamentarji, id-defunt ma kellu l-ebda testment sigriet.*

   c. *Illi bis-sahha tal-ahhar testment tieghu, in atti tan-Nutar Dottor Roland Wadge datat 11 t'Ottubru 2018, id-defunt Alessio Gatt kien irrevoka u annulla kull testment precedenti tieghu u kien istitwixxa bhala werriet uniku tieghu lill-attur f'din il-kawza, u kif ukoll sid assolut tal-proprjeta' mobbli u immobbli tieghu.*

   d. *Illi ai termini tal-istess testment, f'Article Three tal-istess kien ikkostitwixxa s-segwenti legat:*

      The testator hereby bequeaths by title of legacy unto the abovementioned Tony Abela [l-attur] and the abovementioned his brother Joseph Abela in equal portions between them with the right of vulgar substitution in favour of their children and with the right of accretion between them in default, if any of them predeceases the Testator all the benefits deriving from his insurance policy with the company "Detroit Edison Company", in Detroit Michigan, with the address two thousand (2000) second (2nd) Avenue.

*e. Illi llum l-gurnata dik li kienet d-Detroit Edison Company, saret Lake Trust Credit Union ta' 4605, S.Old US Highway 23, Brighton, MI 48114, Stati Uniti.*

*f. L-attur inghata x'jifhem illi l-konvenut jinsab fil-pussess tal-beneficcji kollha derivanti minn din il-polza.*

*g. Illi minkejja interepellat sabiex jersaq ghal likwidazzjoni ta' din il-polza, l-intimat baqa' inadempjenti.*

*h. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*i. Illi l-fatti hawn fuq esposti huma kollha magħrufa lill-esponenti personalment.*

3. Għaldaqstant, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex:

*i. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-benefiċċji kollha derivanti mill-polza assigurattiva li d-defunt Alessio Gatt li fi żmien kienet tinżamm ma' dik li kienet Detroit Edison Company jappartjenu lill-attur u lill-konvenut fi kwoti indaqs bejniethom;*

*ii. Tordna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju jħallas sehem l-attur minn dak li fi żmien kienet il-polza assigurattiva li d-defunt Alessio Gatt kien iżomm ma' dik li kienet Detroit Edison Company;*

*Bl-ispejjez inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 1716/2021, u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-intimat, li huwa minn issa imsejjaħ għas-subizzjoni tiegħu.*

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar it-tletin (30) ta' Novembru 2021, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-smigħ għas-seduta tat-tmienja (8) ta' Frar 2022,

b'ordni għan-notifika tar-rikors lill-konvenut, illi ngħata għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika lilu tal-stess, sabiex jirrispondi skont il-liġi;

5. B'risposta ġuramentata datata għaxra (10) ta' Jannar 2022, il-konvenut **Joseph Abela** eċċepixxa:

   a. *Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kuntrarjament għal dak iddikjarat mill-attur, Detroit Edison Company u Lake Trust Credit Union huma żewġ entitajiet kompletament distinti u differenti. Effettivament, illum Detroit Edison Company Limited saret DTE Electric Company u mhux Lake Trust Credit Union;*

   b. *Illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, il-benefiċċjarju ta' l-insurance ma' DTE Electric Company m'huwiex l-attur, iżda l-eċċipjenti flimkien ma' Josephine Gatt, oħt id-de cujus, fis somma ta' USD5,200 kull wieħed;*

   c. *Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, dato ma non concesso li l-attur attwalment għandu d-dritt għall-ħlasijiet derivanti minn DTE Electric Company, l-eċċipjenti għandu biss kontroll fuq nofs il-benefċċji ta' l-istess, fis-somma ta' USD5,200 u m'huwiex il-leġittimu kontradittur tan-nofs l-ieħor, li huwa fil-kontroll tal-imsemmija Josephine Gatt.*

   d. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri oħra permessibbli mil-Liġi.*

   *Bl-ispejjeż.*

   ***Dikjarazzjoni ta' fatti ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:***

   a. *Illi d-de cujus Alessio Gatt kien jirrisjedi ġewwa l-Istati Uniti u meta hemm kien jaħdem ma' dik li dak iż-żmien kienet tissejjaħ Detroit Edison Company;*

b. *Illi fil-bidu tal-1996, Detroit Edison Company saret sussidjarja ta' DTE Energy Company, li ħadet post Detroit Edison Company fuq l-istock exchange;*

c. *Illi m'huwiex magħruf għall-eċċipjenti għaliex fit-testment tiegħu Alessio Gatt baqa' jirreferi għaliha bħala Detroit Edison Company. Preżumibilment fid-data meta sar it-testment kien ilu irtirat u nieqes mill-Istati Uniti u ma kinx konxju ta' din il-bidla;*

d. *Illi fi kwalunke każ, la Detroit Edisn Company u lanqas DTE Energy Company ma saru Lake Trust Credit Union. Dawn iż-żewġ entitajiet huma kompletament distinti u differenti;*

e. *Illi Detroit Edison Company, illum DTE Energy Company, hija kumpannija li tissuplixxi l-elettriku, filwaqt li kif jissuġġerixxi l-isem, Lake Trust Credit Union hija fil-fatt credit union, ossia kumpannija li toffri servizzi bankarji;*

f. *Illi għaldaqstant, l-attur huwa kompletament żbaljat meta jgħid li Detroit Edison Company saret Lake Trust Credit Union;*

g. *Illi l-eċċipjenti ser jipprva jġib il-provi li jista' biex jispjega u jipprova dak appena ddikjart pero' jingħad ukoll li dak li qiegħed jingħad f'din ir-risposta huwa faċilment konstatabbli bi tfittxija sempliċi fuq l-internet;*

h. *Illi għal dak li jirrigwarda l-insurance imsemmija mit-testatur Alessio Gatt, din kienet tirrigwarda somma żgħira ta' flus li kienet tittieħed mill-paga tiegħu ta' kull xahar, u tiġi akkumulata ġewwa polza ta' assikurazzjoni għal meta jiġi nieqes, a benefiċċju ta' benefiċċjarji, li f'dan il-każ, kif jirriżulta minn 'Dok A', kienu Josephine Gatt u l-eċċipjenti;*

i. *Illi s-somma totali li tħalliet kienet ta' USD10,400, b'USD5,200 ikollu dritt għalihom l-eċċipjenti u USD5,200 ikollha dritt għalihom Josephine Gatt*

*u dan kif jirriżulta miż-żewġ ċekkijiet hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok B'.*

**Il-Qorti**

6. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru 2021, u d-dokumenti annessi miegħu;

7. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut datata għaxra (10) ta' Jannar 2022;

8. Rat id-dokumenti esebiti mir-rikorrent u mmarkati **Dok AA1 sa AA22** a fol 30 *et seq* tal-proċess;

9. Rat l-affidavit tar-rikorrent, immarkat **Dok AB1**, u d-dokumenti annessi miegħu, a fol 95 *et seq* tal-proċess;

10. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Joseph Abela**, prodott mill-attur waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu 2022[1];

11. Rat l-affidavit ta' **Joseph Abela**, a fol 191 *et seq* tal-proċess;

12. Rat l-inkartament riċevut u esebit mill-Avukat tal-Istat bħala l-awtorita' kompetenti taħt il-Konvenzjoni tal-Aja dwar il-Kumpilazzjoni tal-Evidenza Barra mill-Pajjiż f'Materji Ċivili jew Kummerċjali, a fol 222 *et seq* tal-proċess;

13. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Joseph Abela** prodott in kontro-eżami mir-rikorrent waqt is-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju 2024[2];

14. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Anthony Abela** prodott in kontro-eżami mill-konvenut waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru 2024[3];

---

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 102 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 287 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 309 *et seq* tal-proċess

15. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent datata għaxra (10) ta' Diċembru 2024, a fol 324 *et seq* tal-proċess;

16. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat datata wieħed u għoxrin (21) ta' Frar 2024;

17. Rat illi l-partijiet qablu illi l-kawża tibqa' differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

18. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

19. Il-partijiet huma aħwa, u z-ziju tagħhom Alessio Gatt għadda għal ħajja aħjar nhar it-tnax (12) t'April 2020. Alessio Gatt għamel żmien jgħix l-Istati Uniti, iżda eventwalment ġie joqgħod lura Malta, u infatti ġie nieqes f'Malta. Il-wirt u s-suċċessjoni tiegħu ġew regolati b'testment illi huwa għamel f'Malta wkoll, pubblikat fl-atti tan-Nutar Roland Wadge nhar il-ħdax (11) t'Ottubru 2018[4]. Permezz ta' dan it-testment, id-decujus ħalla numru ta' legati, filwaqt illi nnomina lir-rikorrent *"sole heir and absolute owner of all his property, movable and immovable"* (Artikolu 6). Il-legati imsemmija fit-testment kienu jinkludu s-segwenti:

> ***Article Three***
>
> *The Testator hereby bequeaths by title of legacy unto the abovementioned Tony Abela and the above mentioned his brother Joseph Abela in equal portions between them with the right of vulgar substitution in favour of their children and with the right of accretion between them in default, if any of them predeceases the Testator all the*

[4] **Dok C** anness mar-rikors promotur, a fol 8-9 tal-proċess

*benefits deriving frrom his insurance policy with the company "Detroit Edison Company," in Detroit Michigan, with address two thousand (2000) second (2nd) Avenue.*

20. Huwa dwar dan il-legat illi ġiet intavolata l-kawża odjerna. Ir-rikorrent jippremetti illi dik illi hija msejħa fit-testment *Detroit Edison Company* illum saret *Lake Trust Credit Union*, u jsostni illi l-benefiċċji kollha derivanti mill-polza assigurattiva li d-defunt Alessio Gatt kellu ma' Detroit Edison Company tappartjeni lilu nnifsu u lill-konvenut fi kwoti ndaqs bejniethom, b'dana għalhekk illi l-intimat, illi r-rikorrent jallega illi ħa s-somma kollha, għandu jħallas in-nofs illi jappartjeni lir-rikorrent;

21. Min-naħa l-oħra, l-intimat isostni illi Detroit Edison Company (illum DTE Electric Company) u Lake Trust Credit Union huma entitajiet separati u distinti minn xulxin. Jgħid illi l-benefiċċjarju l-ieħor tal-polza tal-assikurazzjoni ma' DTE Electric Company mhuwiex l-attur, iżda oħt id-decujus Josephine Gatt, b'dana għalhekk illi l-intimat għandu biss kontroll fuq nofs il-benefiċċji, fis-somma ta' USD 5,200. Infatti, l-intimat jesebixxi żewġ ċekkijiet maħruġa f'ismu minn *Metropolitan Life Insurance Company* fl-ammonti ta' $ 3,750.09 u $ 1,500.08, illi fuqhom hemm indikat il-*policy holder* bħala *DTE Energy Corporate SER*, u isem il-persuna assikurata bħala Alessio Gatt[5];

22. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tħoss illi jkun għaqli illi tindirizza **l-ewwel eċċezzjoni** sollevata mill-intimat, u cioe illi Detroit Edison Company u Lake Trust Credit Union huma żewġ entitajiet kompletament distinti minn xulxin. Skont *e-mail* esebita kemm mir-rikorrent u kif ukoll mill-intimat, spedita lir-rikorrent minn Katie Hukkala għan-nom ta' Lake Trust Credit Union nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Diċembru 2020[6], ir-rikorrent ġie informat illi:

[5] **Dok B** annessa mar-risposta tal-intimat a fol 21 tal-proċess
[6] A fol 68 tal-proċess u a fol 204 tal-proċess

*Detroit Edison Credit Union is one of the predecessor Credit Unions that merged together to form Lake Trust Credit Union.*

Dan ġie konfermat ukoll minn **Omari Boone**, in rappreżentanza ta' Lake Trust Credit Union, illi spjega:

*So Lake Trust Credit Union and Detroit Edison Company, Limited are separate organizations.*

*Detroit Edison Credit Union was a credit union formed of Detroit Edison employees. And that credit union merged with NuUnion Credit Union and formed Lake Trust Credit Union. But they are separate and always have been separate entities.*[7]

23. Huwa għalhekk minnu dak illi jsostni l-intimat illi Detroit Edison Company ma saritx Lake Trust Credit Union kif premess mir-rikorrent, iżda kienet Detroit Edison Credit Union illi, f'*merger* ma' *credit union* oħra, trasformat ruħha f'Lake Trust Credit Union. Issa din il-Qorti fehmet, iżda, illi Alessio Gatt, bħala wieħed mill-impjegati ta' Detroit Edison Company, illi llum hija DTE Energy, kellu xi kontijiet ma' Detroit Edison Credit Union, sussegwentement Lake Trust Credit Union. Infatti, huma dawn il-kontijiet illi jidhru fl-*istatements* illi ġew esebiti in atti ta' kontijiet fi ħdan Lake Trust Credit Union. Mistoqsi jekk Alessio Gatt kellux kontijiet ma' Lake Trust Credit Union qabel miet, **Omari Boone** jikkonferma illi:

*He had a checking account, a savings account, and a CD. A certificate of deposit.*[8]

[...]

---

[7] A fol 227 tal-proċess
[8] A fol 228 tal-proċess

*His savings account is number 2428566001. The checking account is number 2428589. And at the time his certificate account was 2428566011.*

Il-kontijiet indikati minn dan ix-xhud jikkorrispondu infatti man-numru tal-kontijiet intestati f'**Dok AA13 sa Dok AA16** a fol 48 *et seq* tal-proċess, b'dana illi din il-Qorti hija sodisfatta illi l-kontijiet illi Alessio Gatt kellu ma' Detroit Edison Credit Union huma l-istess kontijiet miżmuma minn Lake Trust Credit Union;

24. Minn dan il-punt ta' tluq, din il-Qorti tosserva għalhekk illi l-polza tal-assikurazzjoni illi kellu Alessio Gatt kienet polza maħruġa a favur impjegati ta' Detroit Ediston Company mill-istess soċjeta', u huwa għall-benefiċċji derivanti minn din il-polza illi t-testatur jidher illi kien qiegħed jirreferi fl-Artikolu 3 tat-testment tiegħu;

25. Mhux qiegħed jiġi kontestat illi l-benefiċċji derivanti mill-polza tal-assikurazzjoni illi kellu Alessio Gatt għaddew lill-intimat u lil Josephine Gatt, illi mhix parti mill-proċeduri odjerni. Infatti, apparti l-fatt illi l-intimat jesebixxi kopja taċ-ċekkijiet illi nħarġu f'ismu mis-soċjeta' Metropolitan Life Insurance Company[9], l-intimat jgħid fl-affidavit tiegħu[10]:

*38. Li ġara kien li Detroit Ediston Company kienet saret DTE Electric Company. Hija din id-DTE Electric Company li kienet ħallset l-assikurazzjoni li qed isemmi ħija Anthony, USD 5,200 lili u USD 5,200 liz-zija Josephine, li tiġi oħt Alessio.*

*39. Issa jien tal-opinjoni li dawn il-USD 5,200 u USD 5,200 għandhom jitħallsu lill-benefiċċjarji ta' din il-polza, ossia jien u z-zija, pero' din hija ħaġa teknika li jien ma nifhimx fiha u noqgħod fuq dak li tiddeċiedi l-Qorti dwra*

[9] **Dok B** a fol 21 tal-proċess
[10] A fol 194 tal-proċess

*dan. Fil-fatt dawn il-USD 5,200 poġġejthom fl-istess kont tal-Lake Trust Credit Union u lest li nagħmel bihom dak li tgħid il-Qorti.*

26. Dan huwa konfermat ukoll minn **Lake Trust Credit Union** stess, illi, mistoqsija sabiex tesebixxi *"[A]ny documents related to an insurance policy [...] in connection with the accounts held by Alessio Gatt"*, tgħid:

> *Lake Trust states that in the context of any deposits made into the relevant Lake Trust accounts that appear to be related to the death of Alessio Gatt and/or Alessio Gatt as a named insured, Lake Trust has record of two (2) checks made payable to Joseph Abela, appearing on their face to be associated with insurance companies. Said checks were remotely deposited via Mobile Deposit into the Lake Trust Checking Account ending in 8589, which was jointly owned by Joseph Abela and Josephine Gatt at the time of each deposit in August 2020 and September 2020, respectively. Further, Lake Trust found no record of any other insurance company-related checks deposited on or after Alssio Gatt's April 12, 2020 date of death into the relevant Lake Trust accounts.*[11]

Tagħmel referenza wkoll l-istess soċjeta' għall-fatt illi għandha *"electronic image of a check with Check Number 003576251 in the amount of $3,750.09 made payable to "Joseph C Abela" from "Metropolitan Life Ins. Co." Check No. 003576251 denotes "Gatt, Alessio" as the "Named Insured."*, u *"electronic image of a check with Check Number 003590380 in the amount of $1,500.08 made payable to "Joseph C. Abela" from "Metropolitan Life Ins. Co." Check No. 003590380 denotes "Gatt, Alessio" as the "Named Insured" and references "DTE Energy Corporate SER" as the "Policyholder""*[12]. Dawn huma infatti l-istess żewġ ċekkijiet esebiti mill-

[11] A fol 261 tal-proċess
[12] A fol 262 tal-proċess

intimat, b'dana għalhekk illi dak sostnut mill-intimat fl-affidavit tiegħu huwa hekk korraborat;

27. Mistoqsija wkoll għal informazzjoni dwar *"[P]ayment information made to Joseph Abela or any other person from said insurance policy [...] in connection with the accounts held by Alessio Gatt"*, is-soċjeta' Lake Trust Credit Union twieġeb illi, apparti dak riprodott aktar 'il fuq, *"it has no record of any deposits that appear to be related to any insurance policies with Alessio Gatt, Josephine Gatt or Joseph Abela as a "named insured""*[13];

28. Jingħad illi, apparti l-kontijiet illi Alessio Gatt kellu ma' Detroit Company Credit Union (u, konsegwentement, ma' Lake Trust Credit Union), ma tressqet l-ebda prova ta' kontijiet oħra illi Gatt seta' kellu ma' banek jew istituzzjonijiet finanzjarji oħra fl-Istati Uniti, b'dana illi din il-Qorti qiegħda għalhekk tikkonkludi illi effettivament ir-rikorrent qed jassumi u jikkonkludi illi kwalsiasi benefiċċji derivanti mill-polza tal-assikurazzjoni illi kien igawdi minnha Gatt bħala impjegat ta' Detroit Edison Company, kellhom jirriżultaw minn dawn il-kontijiet fi ħdan Lake Trust Credit Union;

29. Mistoqsi kemm kellu fondi fil-kontijiet miżmuma ma' Lake Trust Credit Union Alessio Gatt, **Omari Boone** iwieġeb kif isegwi[14]:

*A* — *The savings balance is $830.55. And the checking balance is $192,133.89.*

*Q* — *Is there still a CD account?*

*A* — *There is not.*

Dawn il-figuri jirriżultaw ukoll mill-istatement għall-perjodu bejn l-ewwel (1) ta' Jannar 2024 u l-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 2024 a fol 279-280 tal-proċess;

[13] A fol 262 tal-proċess
[14] A fol 233 tal-proċess

30. Din il-Qorti rat ukoll illi fl-ewwel (1) t'April 2020[15], il-bilanċi kienu kif isegwi:

*Checking Account*: $5,939.31
*Savings Account*:  $670.62
*Certificate of Deposit*: $180,000.00

Sal-aħħar tax-xahar, u cioe wara illi ġie nieqes Alessio Gatt f'April 2020 stess, il-bilanċi kienu kif isegwi:

*Checking Account:* $186,400.92
*Savings Account:* $850.55
*Certificate of Deposit:* $0

Id-differenza tirriżulta mill-istess statement stess. Filwaqt illi l-bilanċ tas-*savings account* żdied stante illi ġew depożitati f'dan il-kont l-interessi fuq is-*certificate of deposit*, fis-somma ta' $179.90, u *credit interest / dividend* ta' $0.03, is-*certificate of deposit* ġie żvojtat, u s-somma ta' $180.000 ġiet depożitata fiċ-*checking account*. Flimkien ma' *external deposit* depożitata minn DTE Energy Company fis-somma ta' $461.61 (illi, fl-affidavit tiegħu l-intimat jgħid illi kienet tirrappreżenta pensjoni illi Alessio Gatt kien jirċievi skont *Retirement Plan* illi kellu mal-istess kumpanija[16]), il-bilanċ taċ-*checking account* għalhekk tela' għal $186,400.92. Għaldaqstant, bejn it-tletin (30) t'April 2020 u l-ewwel (1) ta' Jannar 2024, id-differenza predominanti kienet fiċ-*checking account*, u dan fis-somma ta' $5,732.97. Meta wieħed jaqta' d-depożiti illi għamel ġo dan il-kont l-intimat permezz taż-żewġ ċekkijiet maħruġa minn Metropolitan Life Insurance Company fl-ammont globali ta' $5,250.17, id-differenza illi tirriżulta hija dik fis-somma ta' $482.80, illi din il-Qorti tassumi illi hija pagament ieħor ta' pensjoni fis-somma ta' $461.61 sakemm is-soċjeta' DTE Energy ġiet informata illi Alessio Gatt kien miet, u $21.19 oħra illi għalihom din il-Qorti m'għandhiex spjegazzjoni. **Ikkunsidrat il-premess, din il-Qorti hija għalhekk**

[15] Vide statement a fol 276-278 tal-proċess
[16] Para 16 a fol 192 tal-proċess

**konvinta illi ma kien hemm l-ebda depożitu ieħor f'dan il-kont wara l-mewt t'Alessio Gatt**;

31. It-talbiet tar-rikorrent fil-kawża odjerna huma ċari u ma jħallu l-ebda dubju: huwa qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara illi **l-benefiċċji kollha derivanti mill-polza assigurattiva li d-defunt Alessio Gatt kellu ma' Detroit Edison Company**, tappartjeni lill-partijiet bejniethom. Għaldaqstant, minkejja illi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent jindirizza l-flejjes kollha appartenenti lil Alessio Gatt li jinsabu depositati fl-Istati Uniti, inkluż għalhekk dawk illi ġew trasferiti mis-*certificate of deposit* għal ġoċ-*checking account*, u dawk illi hemm fis-*savings account*, **din il-Qorti hija limitata fil-konsiderazzjonijiet u d-deċiżjoni tagħha għall-benefiċċji derivanti mill-polza assigurattiva, u għall-ebda fondi oħra**. Kwalsiasi dikjarazzjoni ta' xort'oħra tirrendi d-deċiżjoni tal-Qorti *ultra petita*, stante illi tkun tmur lil hinn mit-talbiet tar-rikorrent stess;

32. Meqjus il-premess, din il-Qorti hija konvinta illi l-unika benefiċċji illi dderivaw mill-polza assigurattiva kienu dawk fil-konfront tal-intimat fis-somma globali ta' **$5,250.17**. Il-Qorti tippresumi illi sar pagament ieħor fl-istess ammont lil Josephine Gatt, illi, skont **Dok A** anness mar-risposta tal-intimat a fol 20 tal-proċess, kienet ukoll benefiċċjarja tal-polza t'assigurazzjoni illi kellu Alessio Gatt. Infatti, l-intimat jikkonferma illi, *"DTE Electric Company [...] ħallset l-assikurazzjoni li qed isemmi ħija Anthony, USD5,200 lili u USD5,200 liz-zija Josephine, li tiġi oħt Alessio."*[17] Ta' dan, iżda, jingħad għal kull buon fini illi ma nġabet l-ebda prova oħra għajr il-kelma tal-intimat;

33. Dak illi fadal jiġi determinat, huwa jekk għal dawn il-benefiċċji kinux entitolati r-rikorrent u ħuh l-intimat skont il-legat imħolli fit-testment, jew l-intimat u Josephine Gatt skont il-formola ffirmata minn Alessio Gatt stess illi permezz tagħha l-intimat u Josephine Gatt ġew dikjarati benefiċċjarji;

[17] A fol 194 tal-proċess

34. Hija stramba, fil-fehma tal-Qorti, kif fil-każ odjern, minkejja illi nġabu provi dettaljati dwar il-kontijiet bankarji illi Alessio Gatt kellu fl-Istati Uniti, din il-Qorti hija sprovvista minn xhieda dwar it-termini u kundizzjonijiet tal-polza t'assikurazzjoni li kienet miżmuma minn Alessio Gatt fl-Istati Uniti, illi tagħha jidher illi l-intimat u Josephine Gatt kienu benefiċjarji. Dan aktar u aktar ikompli jagħti lil din il-Qorti x'tifhem illi effettivament, dak illi ried ir-rikorrent bil-kawża odjerna kien illi jinġabu f'Malta il-fondi kollha illi kellu Alessio Gatt fl-Istati Uniti, u mhux il-benefiċċji derivanti mill-polza t'assikurazzjoni biss. Hekk kif ġia ngħad, iżda, din il-Qorti hija limitata bil-parametri imposti mit-talbiet tar-rikorrent stess;

35. Madanakollu, hekk kif tajjeb isostni l-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-liġi hija ċara f'dik illi hija revoka jew modifika ta' tismija ta' benefiċjarju. L-Artikolu 1712Ċ tal-Kap 16 jgħid illi:

> *(4) Ir-revoka jew il-modifika minn detentur ta' polza tat-tismija ta' benefiċjarju ma tistax issir permezz ta' testment. Il-werrieta tad-detentur ta' polza ma jistgħux jirrevokaw it-tismija ta' benefiċjarju wara l-mewt tad-detentur ta' polza.*

36. Waqt id-Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati illi wasslu sabiex jidħol l-Att XI tal-2005, u cioe l-Artikolu 1712Ċ tal-Kap 16 hawn fuq riprodott, ingħad:

> *[M]huwiex sew li norbtu l-kuntratti tal-poloz ta' assigurazzjoni mal-liġi tas-suċċessjoni kif konna nagħmlu. Għalkemm hemm ħafna similaritajiet, peress li wieħed jiret jew jieħu benefiċċju minn polza ta' assigurazzjoni, dawn m'għandhomx ikunu regolati bl-artikoli dwar is-suċċessjoni li hemm fil-Kodiċi Ċivili, għax hawnhekk qed jitkellmu fuq kuntratt ieħor li hu separat mill-kuntratt tat-testment. It-testment huwa xi ħaġa sigrieta sakemm jinfetaħ meta jmut it-testatur, jiġifieri meta tmut il-persuna li tkun kitbitu, mentri l-life insurance*

*policy huwa kuntratt pubbliku to a certain extent, għalkemm ma jiġix reġistrat fl-insinwa.*[18]

37. Huwa evidenti għalhekk illi dak illi ried il-leġislatur kien illi l-volonta' ta' persuna assikurata b'polza t'assikurazzjoni tiġi interpretata b'mod divers mill-volonta' ta' testatur f'testment, b'dana għalhekk illi l-ebda dispożizzjoni testamentarja ma tista tinjora jew timmodifika dak illi jkun ġie stabbilit f'kuntratt ta' polza t'assikurazzjoni;

38. Minn dan isegwi għalhekk illi r-rikorrent mhux talli m'għandu l-ebda dritt fuq il-ħlasijiet li saru lill-intimat qua benefiċjarju fuq il-polza t'assikurazzjoni, iżda wisq u wisq inqas għandu dritt fuq il-ħlasijiet illi saru lil Josephine Gatt, illi lanqas biss hija parti minn din il-kawża. Din il-Qorti għalhekk tikkonkludi illi t**-talbiet rikorrenti ma jistħoqqilhomx jintlaqgħu**, u sejra tgħaddi sabiex **tiċħadhom**.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad** it-talbiet rikorrenti.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu tar-rikorrent.

Moqrija.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Reġistratur**

[18] Diskors tal-Onor Anġlu Farrugia waqt is-Seduta tat-28 ta' Ġunju 2005 (Seduta Nru 285)